32003D0548

25.7.2003 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 186/43

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-24 ta' Lulju 2003
dwar is-sett minimu ta' linji mikrija b'karatteristiċi armonizzati u standards assoċjati li previst fl-Artikolu 18 tad-Direttiva tas-Servizz Universali

(2003/548/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' *networks* u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva tas-Servizz Universali) [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 18(3) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 18(3) tad-Direttiva tas-Servizz Universali jipprovdi għall-pubblikazzjoni ta' sett minimu ta' linji mikrija b'karatteristiċi armonizzati u standards assoċjati li għandu jiġi ppublikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea bħala parti mil-lista ta' standards imsemmija fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-*networks* u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Kwadru) [2].

(2) Is-sett minimu ta' linji mikrija ġie definit fl-Anness II għad-Direttiva tal-Kunsill 92/44/KEE tal-5 ta' Ġunju 1992 dwar l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni ta' *network* miftuħ (ONP) għal linji mikrija [3], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/80/KE [4]. Dik id-Direttiva ġiet revokata b'effett mill-25 ta' Lulju 2003 bid-Direttiva Kwadru.

(3) Din id-Deċiżjoni tipprovdi kontinwità tal-bażi legali għas-sett minimu ta' linji mikrija, għall-iskop ta' l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relevanti fid-Direttiva Kwadru u d-Direttiva tas-Servizz Universali. Is-sett minimu ta' linji mikrija f'din id-Deċiżjoni huwa l-istess bħal dak tad-Direttiva 92/44/KEE, għajr li r-referenzi għall-Istandards Ewropej tat-Telekomunikazzjonijiet (ETS) ġew sostitwiti bir-referenzi għall-Istandards Ewropej (EN), kif miftehma mill-Istitut ta' l-Istandards tat-Telekomunikazzjonijiet fl-2001. Iżda, linji mikrija li jikkonformaw ma' l-istandards ta' l-ETS preċedenti għandhom ikomplu jitqiesu bi qbil mal-ħtiġiet għas-sett minimu ta' linji mikrija.

(4) Din id-Deċiżjoni tidentifika s-sett minimu ta' linji mikrija b'karatteristiċi u standards assoċjati armonizzati u tifforma parti integrali mil-lista ta' standards ippubblikata skond l-Artikolu 17 tad-Direttiva Kwadru 2002/21/KE. Il-verżjoni preżenti tal-lista ta' standards, li fiha dispożizzjonijiet volontarji biss, ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea f'Diċembru 2002 [5]. Għal raġunijiet ta' differenzi fil-proċedura u fl-effett legali, huwa xieraq li ssir distinzjoni bejn il-kapitoli tal-lista ta' standards li tinkludi dispożizzjonijiet obbligatorji f'din id-Deċiżjoni u dawk il-kapitoli li jinkludu biss dispożizzjonijiet voluntarji.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu waħdieni

Is-sett minimu ta' linji mikrija b'karatteristiċi armonizzati u standards assoċjati huwa stabbilit fl-Anness.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Lulju 2003.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 108, ta' l-24.4.2002, p. 51.
[2] ĠU L 108, ta' l-24.4.2002, p. 33.
[3] ĠU L 165, tad-19.6.1992, p. 27.
[4] ĠU L 14, ta' l-20.1.1998, p. 27.
[5] ĠU C 331, tal-31.12.2002, p. 32.

L-ANNESS

LISTA TA' STANDARDS U/JEW SPEĊIFIKAZZJONIJIET GĦAL NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI, SERVIZZI U FAĊILITAJIET ASSOĊJATI U SERVIZZI

Parti obbligatorja

Identifikazzjoni tas-sett minimu ta' linji mikrija

1. *Skop*

Din il-pubblikazzjoni tidentifika s-sett minimu ta' linji mikrija b'karatteristiċi armonizzati u standards assoċjati previst fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2002/22/KE (Direttiva tas-Servizz Universali).

Din il-lista tifforma parti mil-lista ta' standards prevista fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2002/21/KE (id-Direttiva Kwadru).

Din il-pubblikazzjoni hija b'żjieda għal-lista ta' standards u/jew speċifikazzjonijiet għal *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, servizzi u faċilitajiet assoċjati u servizzi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* f'Diċembru 2002 [1].

2. *Standards tekniċi*

L-istandards imsemmija f'din il-pubblikazzjoni huma prodotti ta' l-ETSI taħt in-nomenklatura ETSI preżenti. Skond id-"Direttivi ta' l-ETSI" [2], dawn il-prodotti huma definiti kif ġej:

Standard Ewropew (serje tat-telekomunikazzjonijiet), EN: Prodott ta' l-ETSI li jkun fih dispożizzjonijiet normattivi, approvat għall-pubblikazzjoni fi proċess li jinvolvi l-Organizzazzjonijiet ta' l-iStandards Nazzjonali u/jew Delegazzjonijiet Nazzjonali ta' l-ETSI b'implikazzjonijiet dwar *standstill* u trasposizzjoni nazzjonali.

Standard armonizzat: EN (serje tat-telekomunikazzjonijiet) li l-abbozz tagħha ġie fdat lill-ETSI b'mandat mill-Kummissjoni Ewropea skond id-Direttiva 98/48/KE (l-aħħar emenda għad-Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE) u ġiet abbozzata filwaqt li ġew ikkunsidrati l-ħtiġiet essenzjali applikabbli tad-Direttiva ta' "Approċċ Ġdid" u li r-referenza tagħha ġiet sussegwentament imħabbra fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Il-verżjoni ta' l-istandards prevista f'din il-lista hija l-verżjoni valida fil-ħin li l-lista hija ppubblikata.

3. *Indirizzi minn fejn jistgħu jinkisbu d-dokumenti li hemm referenza għalihom*

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet ta' l-ETSI [3]

Indirizz postali:	F-06921 Sophia Antipolis Cedex France
Telefon:	(0033) 4 9294 4241 (0033) 4 9294 4258
Fax	(0033) 4 9395 8133
E-mail:	publications@etsi.fr
web site:	http://www.etsi.fr

4. *Referenzi għal-leġislazzjoni ta' l-UE*

Il-lista tirreferi għad-dokumenti leġislattivi li ġejjin li jistgħu jinkisbu minn fuq http://europa.eu.int/information_society/topics/telecoms/regulatory/index_en.htm

— Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għal *networks* u servizzi elettroniċi tal-komunikazzjonijiet (Direttiva kwadru) (ĠU L 108, ta' l-24.4.2002, p. 33).

— Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju komuni għal *networks* u servizzi elettroniċi tal-komunikazzjonijiet (Direttiva tas-Servizz Universali) (ĠU L 108, ta' l-24.4.2002, p. 51).

---

(1) ĠU C 331, tal-31.12.2002, p. 32.
(2) Disponibbli fuq http://portal.etsi.org/directives.
(3) Dokumenti ta' l-ETSI jistgħu jiġu downloaded mill-ETSI Publications Download Area (http://pda.etsi.org/pda/queryform.asp).

Identifikazzjoni tas-sett minimu ta' linji mikrija b'karatteristiċi armonizzati u standards assoċjati

LINJI ANALOGUE MIKRIJA

Tip ta' linji mikrija	Referenza	Noti
Bandwidth tal-vuċi ta' kwalità ordinarja [a]	— 2 wire: ETSI EN 300 448 jew — 4 wire: ETSI EN 300 451	Karatteristiċi ta' konnessjoni u preżentazzjoni ta' *interface network*
Bandwidth tal-vuċi ta' kwalità speċjali [b]	— 2 wire: ETSI EN 300 449 jew — 4 wire: ETSI EN 300 452	Karatteristiċi ta' konnessjoni u preżentazzjoni ta' *interface network*

[a] Linji mikrija li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' ETS 300 448 (2 wire) jew ETS 300 451 (4 wire) huma meqjusin li jikkonformaw mal-ħtiġiet għal dan it-tip ta' linji mikrija.

[b] Linji mikrija li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' ETS 300 449 (2 wire) jew ETS 300 452 (4 wire) huma meqjusin li jikkonformaw mal-ħtiġiet għal dan it-tip ta' linji mikrija.

LINJI DIĠITALI MIKRIJA

Tip ta' linji mikrija	Referenza	Noti
64 kbit/s [c]	— ETS EN 300 288 — ETS EN 300 289	Preżentazzjoni ta' *interface network* Karatteristiċi ta' konnessjoni
2 048 kbit/s — EI (mhux strutturati) [d]	— ETS EN 300 418 — ETS EN 300 247	Preżentazzjoni ta' *interface network* Karatteristiċi ta' konnessjoni
2 048 kbit/s — EI (mhux strutturati) [e]	— ETS EN 300 418 — ETS EN 300 419	Preżentazzjoni ta' *interface network* Karatteristiċi ta' konnessjoni

[c] Linji mikrija li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' ETS 300 288, ETS 300 288/A1 u ETS 300 289 jew huma meqjusin li jikkonformaw mal-ħtiġiet għal dan it-tip ta' linji mikrija.

[d] Linji mikrija li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' ETS 300 418, ETS 300 247 u ETS 300 247/A1 huma meqjusin li jikkonformaw mal-ħtiġiet għal dan it-tip ta' linji mikrija.

[e] Linji mikrija li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' ETS 300 418 u ETS 300 419 huma meqjusin li jikkonformaw mal-ħtiġiet għal dan it-tip ta' linji mikrija.